Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2075

14.9.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2075

tal-10 ta' Settembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1108 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fir-Rumanija

(notifikat bid-dokument C(2026) 6510)

(It-test Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż huma mard virali infettiv li jolqot lill-annimali kaprini u ovini u li jista' jħalli impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, billi jikkawża tfixkil fil-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. F'każ ta' tifqigħa tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fl-annimali kaprini jew ovini, hemm riskju serju li dak il-mard jinxtered lejn stabbilimenti oħra li jżommu l-annimali kaprini jew ovini.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, kif ukoll ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza u, jekk ikun meħtieġ, żona ristretta ulterjuri madwar jew maġenb iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1108 ([4]) ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429 u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-ġidri tan-nagħaġ u bil-ġidri tal-mogħoż fir-Rumanija.

(4) B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1108 jipprevedi li ż-żona ristretta, li tinkludi żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri, li trid tiġi stabbilita mir-Rumanija, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, trid tkun tinkludi mqar iż-żoni elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, u l-miżuri li jeħtieġ jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u fiż-żoni ta' sorveljanza jridu jiġu applikati mqar sad-dati elenkati fl-Anness I.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1108 tat-13 ta' Mejju 2026 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fir-Rumanija u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1015 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2415 (ĠU L, 2026/1108, 20.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1108/oj).

(5) Mill-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1108, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1956 ([5]), ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni, fil-perjodu mill-20 ta' Awwissu sas-7 ta' Settembru 2026, bi tnax-il tifqiegħa addizzjonali tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fi stabbiliment fejn jinżammu l-annimali ovini u kaprini li jinsabu fil-kontej ta' Brăila, Buzău, Galați, Gorj u Tulcea. Xi wħud minn dawk it-tifqigħat il-ġodda tinsab barra miż-żoni ristretti li kienu diġà ġew stabbiliti b'riżultat ta' tifqigħat preċedenti, jiġifieri fil-kontea ta' Galați, fejn il-marda ma kinitx ġiet irrapportata qabel. Bi tweġiba għal dan, ir-Rumanija stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fejn qed jiġu applikati l-miżuri għall-kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(6) Għalhekk, iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri għar-Rumanija fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1108, u d-durata tal-miżuri li japplikaw fihom, kif ukoll id-durata taż-żoni elenkati fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġu aġġustati biex titqies it-tifqigħa l-ġdida. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu emendati l-lista taż-żoni ristretti, u d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, kif ukoll il-lista taż-żoni, stabbilita fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, li fihom iridu jiġu applikati l-miżuri applikabbli għaż-żoni ristretti ulterjuri, u d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom.

(7) Għalhekk, l-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1108 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(8) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza u taż-żoni ristretti ulterjuri, u d-durata tal-miżuri li jridu japplikaw fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza u taż-żoni ristretti ulterjuri, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li jridu japplikaw fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fiż-żoni milquta minn dik il-marda, iżda anki s-sitwazzjoni epidemjoloġika kumplessiva tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fit-territorju kollu tar-Rumanija, kif ukoll il-livell tar-riskju li l-marda tkompli tinxtered. Barra minn hekk, id-durata tal-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni ġiet iddeterminata skont l-istandards internazzjonali stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ([6]).

(9) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż, u l-ħtieġa li jiġi evitat it-tixrid ulterjuri tal-marda mill-istabbilimenti milquta fir-Rumanija lejn partijiet oħra ta' dak l-Istat Membru jew lejn xi Stati Membri oħra, il-miżuri ta' emerġenza stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jibdew japplikaw mill-iktar fis.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1108 huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1956 tal-20 ta' Awwissu 2026 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1108 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fir-Rumanija (ĠU L, 2026/1956, 24.8.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1956/oj).

([6]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Parti A: Żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħa kkonfermata

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bhala żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fir-Rumanija msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Buzău County RO-CAPRIPOX-2026-00005 RO-CAPRIPOX-2026-00022	Protection zone: Those parts of Buzău County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 44.916, Long. 27.118 (2026/5), Lat. 44.979, Long. 27.091 (2026/22).	19.10.2026
	Surveillance zone: Those of Buzău, Brăila and Ialomița Counties, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 44.916, Long. 27.118 (2026/5), Lat. 44.979, Long. 27.091 (2026/22).	6.11.2026
	Surveillance zone: Those of Buzău, Brăila and Ialomița Counties, contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 44.916, Long. 27.118 (2026/5), Lat. 44.979, Long. 27.091 (2026/22).	20.10.2026-6.11.2026
Iași County RO-CAPRIPOX-2026-00006	Protection zone: Those parts of Iași County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 47.173, Long. 27.230 (2026/6).	16.9.2026
	Surveillance zone: Those parts of Iași and Neamț County, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 47.173, Long. 27.230 (2026/6).	4.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Iași County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 47.173, Long. 27.230 (2026/6).	17.9.2026-4.10.2026

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fir-Rumanija msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Gorj County RO-CAPRIPOX-2026-00008 RO-CAPRIPOX-2026-00012 RO-CAPRIPOX-2026-00023	Protection zone: Those parts of Gorj County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.030, Long. 23.327 (2026/8), Lat. 45.055, Long. 23.324 (2026/12), Lat. 45.127, Long. 23.638 (2026/23).	19.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Gorj County, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 45.030, Long. 23.327 (2026/8), Lat. 45.055, Long. 23.324 (2026/12), Lat. 45.127, Long. 23.638 (2026/23).	6.11.2026
	Surveillance zone: Those parts of Gorj County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.030, Long. 23.327 (2026/8), Lat. 45.055, Long. 23.324 (2026/12), Lat. 45.127, Long. 23.638 (2026/23).	20.10.2026-6.11.2026
Tulcea County RO-CAPRIPOX-2026-00007 RO-CAPRIPOX-2026-00013 RO-CAPRIPOX-2026-00015 RO-CAPRIPOX-2026-00016	Protection zone: Those parts of Tulcea County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.017, Long. 29.006 (2026/7), Lat. 44.997, Long. 28.170 (2026/13), Lat. 45.011, Long. 28.959 (2026/15), Lat. 44.954, Long. 28.173 (2026/16).	7.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Tulcea County, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 45.017, Long. 29.006 (2026/7), excluding the areas contained in the protection zone.	25.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Tulcea County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.017, Long. 29.006 (2026/7).	8.10.2026-25.10.2026

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fir-Rumanija msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Vâlcea County RO-CAPRIPOX-2026-00009	Protection zone: Those parts of Vâlcea County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.352, Long. 23.652 (2026/9).	24.9.2026
	Surveillance zone: Those parts of Vâlcea, Sibiu, Alba, Hunedoara and Gorj Counties, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 45.352, Long. 23.652 (2026/9), excluding the areas contained in the protection zone.	12.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Vâlcea County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.352, Long. 23.652 (2026/9).	25.9.2026-12.10.2026
Constanța County RO-CAPRIPOX-2026-00010 RO-CAPRIPOX-2026-00011	Protection zone: Those parts of Constanța County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 44.522, Long. 28.747 (2026/10) Lat. 44.577, Long. 28.385 (2026/11).	26.9.2026
	Surveillance zone: Those parts of Constanța Counties, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 44.522, Long. 28.747 (2026/10) Lat. 44.577, Long. 28.385 (2026/11), excluding the areas contained in the protection zone.	14.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Constanța County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 44.522, Long. 28.747 (2026/10) Lat. 44.577, Long. 28.385 (2026/11).	27.9.2026-14.10.2026

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u żoni ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fir-Rumanija msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Brăila County RO-CAPRIPOX-2026-00014 RO-CAPRIPOX-2026-00018 RO-CAPRIPOX-2026-00019 RO-CAPRIPOX-2026-00020 RO-CAPRIPOX-2026-00021 RO-CAPRIPOX-2026-00024	Protection zone: Those parts of Brăila County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.416, Long. 27.673 (2026/14) Lat. 45.286, Long. 27.624 (2026/18), Lat. 45.287, Long. 27.626 (2026/19) Lat. 45.283, Long. 27.627 (2026/20), Lat. 45.296, Long. 27.605 (2026/21), Lat. 45.027, Long. 27.829 (2026/24).	20.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Brăila Counties, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 45.416, Long. 27.673 (2026/14), Lat. 45.286, Long. 27.624 (2026/18), Lat. 45.287, Long. 27.626 (2026/19) Lat. 45.283, Long. 27.627 (2026/20), Lat. 45.296, Long. 27.605 (2026/21), Lat. 45.027, Long. 27.829 (2026/24).	7.11.2026
	Surveillance zone: Those parts of Brăila County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.416, Long. 27.673 (2026/14) Lat. 45.286, Long. 27.624 (2026/18), Lat. 45.287, Long. 27.626 (2026/19) Lat. 45.283, Long. 27.627 (2026/20), Lat. 45.296, Long. 27.605 (2026/21), Lat. 45.027, Long. 27.829 (2026/24).	21.10.2026-7.11.2026
Galați RO-CAPRIPOX-2026-00017	Protection zone: Those parts of Galați County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.551, Long. 27.633 (2026/17).	13.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Galați Counties, contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30 ETRS89 coordinates excluding the areas included in any protection zone Lat. 45.551, Long. 27.633 (2026/17).	31.10.2026
	Surveillance zone: Those parts of Galați County contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.551, Long. 27.633 (2026/17).	14.10.2026-31.10.2026

Parti B: Żoni ristretti ulterjuri

Żona ristretta ulterjuri	Reġjun	Żoni inklużi fiż-żoni ristretti ulterjuri stabbiliti fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Żoni ristretti ulterjuri	**Ialomița County**	The entire Ialomița, Buzău, Brăila, Iaşi, Neamț, Gorj, Vâlcea, Hunedoara, Tulcea, Constanța, Galați and Vrancea counties, excluding the areas included in any protection or surveillance zone	7.11.2026
	Buzău County		
	Brăila County		
	Iaşi County		
	Neamț County		
	Gorj County		
	Vâlcea County		
	Tulcea County		
	Hunedoara County		
	Constanța County		
	Galați County		
	Vrancea County		

ANNESS II

Żona	Reġjun	Żoni msemmijin fl-Artikolu 1b	Data sa meta applikabbli
Żoni	**Mureș County**	The entire Mureș, Cluj, Bistrița-Năsăud, Ialomița, Buzău, Brăila, Iași, Neamț, Gorj, Vâlcea, Tulcea, Constanța, Galați and Vrancea counties.	8.11.2026 – 7.12.2026
	Cluj County		
	Bistrița-Năsăud County		
	Ialomița County		
	Buzău County		
	Brăila County		
	Iași County		
	Neamț County		
	Gorj County		
	Vâlcea County		
	Tulcea County		
	Hunedoara County		
	Constanța County		
	Galați County		
	Vrancea County”		